



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Marzu 2024  
(OR. en)

7382/24

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2024/0056(BUD)

---

FIN 226

#### ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

---

Suġġett:                   Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 tal-Unjoni  
Ewropea għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>1</sup>, b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

Billi:

- il-baġit tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2024 ġie adottat definittivament fit-22 ta' Novembru 2023<sup>2</sup>;
- fid-29 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 għall-baġit ġenerali għas-sena finanzjarja 2024;

---

<sup>1</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L, 2024/207, 22.2.2024.

- Il-Kunsill jeħtieġ li jipproċedi mingħajr dewmien bl-adozzjoni tal-pożizzjoni tiegħu dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 għall-baġit ġenerali għall-2024, bil-ħsieb li b'mod urġenti (a) jinħolqu n-nomenklatura u l-kummenti baġitarji, kif ukoll li jsiru disponibbli l-appropriazzjonijiet meħtieġa biex jipprovdu għall-Faċilità għall-Ukrajna u l-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent; (b) tiġi aġġustata n-nomenklatura baġitarja biex ir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza tinqasam f'żewġ strumenti separati u jiżdiedu l-ammonti għal kull strument; (c) jiġi rinforzat il-Fond Ewropew għad-Difiża; (d) jitnaqqsu l-appropriazzjonijiet ta' impenn tar-riżerva tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati; u (e) tiġi aġġustata n-nefqa ta' appoġġ tal-Programm Ewropew Diġitali biex jiġi stabbilit l-Uffiċċju għall-Intelliġenza Artifiċjali.
- Għaldaqstant, hu ġustifikat li tiġi prevista eċċezzjoni mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024 ġiet adottata fid-19 ta' Marzu 2024.

It-test sħiħ<sup>1</sup> huwa disponibbli għall-konsultazzjoni jew għat-tniżżil mis-sit web tal-Kunsill:

<https://www.consilium.europa.eu/documents-publications/public-register/public-register-search/>.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Marzu 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> Dokument 7432/24 + ADD 1.